Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 315/2010/1

**Bonello Anne**
**(appellata)**

**Vs**

**Mallia David**
**(appellant)**

6 ta' Mejju, 2019.

1. **Dan huwa appell tal-konvenut minn sentenza parzjali u oħra finali mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Frar 2013 u fl-24 ta' Mejju 2018 rispettivament. Il-mertu tal-każ jirrigwarda talba għal ħlas ta' danni relattivi għal xogħlijiet li allegatament ma sarux skont is-sengħa u l-arti u kontro-talba għal bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet inkorsi.**

2. Mill-atti jirriżulta li:

   2.1. Permezz ta' **rikors** preżentat fis-6 ta' Settembru 2010, l-attriċi talbet lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' €11,379 rappreżentanti danni sofferti minnha b'konsegwenza ta' xogħol mhux skont is-sengħa u l-arti li sar mill-konvenut fil-fond proprjetà tagħha numru 32, Triq Konti Ruġġieru, Rabat, Malta, bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru u bl-imgħax skont il-liġi sad-data tal-effettiv pagament.

   2.2. Il-konvenut **wieġeb**[1] illi: (i) l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) l-attriċi diġà indirizzat it-talbiet tagħha kontra terzi persuni, senjatament Raymond Dalli permezz tal-proċeduri numru 211/09 RFA fl-ismijiet ***Anna Bonello vs Raymond***

[1] Fol. 4

***Dalli*** li għadhom *sub judice* u għalhekk ma tistax tippretendi ħsarat minn terzi fuq l-istess post u fuq l-istess xogħlijiet; (iii) huwa ma kkawża ebda danni lill-attriċi u x-xogħlijiet minnu mwettqa saru skont is-sengħa u l-arti; (iv) l-attriċi hija debitriċi tiegħu fis-somma ta' €5,147.92 hekk kif jirriżulta minn skrittura datata 3 ta' Ottubru 2006 u fir-rigward saret kontro-talba; u (v) hija l-attriċi li hija debitriċi tal-intimat b'dan illi huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Flimkien mat-tweġiba tiegħu l-konvenut ressaq ukoll **kontro-talba**[2] sabiex l-attriċi rikonvenzjonata tiġi kkundannata tħallas is-somma bilanċjali ta' €5,147.92 oltré l-imgħax legali mit-3 ta' Ottubru 2006 rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet inkorsi fil-fond 32, Triq Konti Ruġġieru, Rabat, Malta li hija obbligat ruħa tħallas permezz ta' skirttura datata 3 ta' Ottubru 2006.[3]

2.3. L-attriċi **wieġbet**[4] illi t-talbiet imressqa mill-konvenut fil-kontro-talba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li hija m'għandha tagħtih ebda flus.

2.4. Permezz ta' **sentenza preliminari** tal-20 ta' Frar 2013,[5] il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenut appellat u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

2.5. Permezz ta' rikors intavolat fl-20 ta' Ġunju 2017 u milqugħ b'digriet mogħti fit-28 ta' Ġunju 2017, l-attriċi rikonvenzjonata eċċepiet ulterjorment li l-kontro-talba tal-konvenut hija preskirtta a tenur tal-artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2.6. B'**sentenza** mogħtija fl-24 ta' Mejju 2018,[6] il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet billi laqgħat it-talba attriċi u kkundannat lill-konvenut:

> *'iħallasha somma flus rappreżentanti danni li hija sofriet peress li x-xogħol li ġie eżegwit minnu ma kienx skont is-sengħa u l-arti pero f' ammont ridott ta' erbat elef u ħames mitt euro (€4,500), u għalhekk qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-istess konvenut u qegħda tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-attriċi li l-kontro-talba hija preskritta u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati minnha f'dan ir-rigward.'*

[2] Fol. 5
[3] '**Dok A**' a fol 6
[4] Fol. 11
[5] Fol. 107 - 125
[6] Fol. 302 - 343

3. Il-konvenut appella kemm mid-deċiżjoni preliminari ta-20 ta' Frar 2013 kif ukoll mid-deċiżjoni finali tal-24 ta' Mejju 2018. L-aggravji huma:

   i. ladarba il-kwistjoni bejn il-kontendenti hija regolata bil-kuntratt t'appalt tal-24 ta' Ġunju 2006, il-preskrizzjoni applikabbli għall-kontro-talba tiegħu hija dik kwinkwennali kif deċiż fis-sentenza parzjali u mhux dik ta' tmintax-il xahar;

   ii. anké kieku wieħed kellu japplika il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-perjodu preskrittiv xorta ġie nterrott;

   iii. is-sentenzi tal-24 ta' Mejju 2018 u tal-20 ta' Frar 2013 huma kunfliġġenti u semmai, jekk il-kontro-talba kienet preskritta, it-talbiet attriċi kienu preskritti ukoll;

   iv. ma kien hemm l-ebda raġuni valida il-għaliex il-Qorti kellha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku u żżid id-danni likwidati b'elf ewro żejda; u

   v. L-ispejjeż tal-kawża.

Talab għalhekk lil din il-Qorti:

> '*tħassar is-sentenza tal-24 ta' Mejju 2018 fl-ismijiet premessi u minflok tiċħad it-talbiet u l-eċċezzjonijiet rikonvenzjonali tal-appellata, u tilqa' l-eċċezzjonijiet u t-talbiet rikonvenzjonali tal-esponenti, kif ukoll u/jew alternattivament sabiex tħassar s-sentenza mogħtija mill-Qorti fil-Prim' Istanza tal-20 ta' Frar 2013 fl-ismijiet premessi u minflok tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-esponenti.'*

4. L-appellata da parti tagħha wieġbet li l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu. Rigward il-punti fattwali sollevati mill-appellant tisħaq ukoll li din il-Qorti m'għandiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

<u>Il-preskrizzjoni tat-talba u tar-rikonvenzjoni.</u>

5. Fis-sentenza tal-20 ta' Frar 2013 l-ewwel qorti qalet:-

> *"'il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ta' danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghemil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz, iz-zmien ta' preskrizzjoni huwa dak imfisser mill-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt (l-hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn – principju*

*rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili; u (3) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin."* (***Micallef noe vs Cassar*** *– Vol. XXXVII.i.40 – A.C. 27 ta April 1953).*

*Fl-istess waqt huwa accettat fil-gurisprudenza illi din il-lista mhijiex ezawrienti ghaliex jezistu danni ohra abbinati mal-fazi prekontrattwali u, ghaliex le, mal-fazi ta` l-invit ghall-offerti.*

*Issa f'dan il-kaz minkejja li jirrizulta li bejn il-kontendenti kien hemm kuntratt ta' appalt jew ahjar in parte nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt u in parte esekuzzjoni ta' kuntratt ta' appalt li ma sarx skond is-sengha u l-arti, l-konvenut xorta ghogbu jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi is-segwenti:-*

*"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn".*

*Illi pero' l-Qorti tirrileva li trattandosi hawn ta' kuntratt ta' appalt fejn id-danni huma dawk derivanti minn inadempjenza kuntrattwali, ghandha tapplika l-preskrizzjoni kwinkennali skond l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16, u kwindi mhix sempliciment kawza ta' danni fejn il-preskrizzjoni hija addirittura wahda iqsar. Illi minn ezami ta' l-att tac-citazzjoni – partikolarment il-premessi – ghandu jirrizulta kjarament li ta' bilhaqq l-azzjoni attrici hija impernjata fuq appalt. Hija kawza bbazata fuq kuntratt ta' appalt u ghall-fini ta' perjodu preskrittiv japplika allura l-Artikolu 2156 (f) – dak jigifieri ta' hames snin u dan il-perjodu jibda jiddekorri minn dakinhar li azzjoni ta' din ix-xorta setghet tigi ezercitata. Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara (ara "Scicluna vs Tracey", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Gunju, 1900 (Vol.XVII.I.151) u "Caruana vs Runza", deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta` Mejju, 1999).*

*…*

***Dan ifisser li f'dan il-kaz, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn sollevata mill-konvenut ma tapplikax ghall-kaz taht ezami u ghalhekk qed tirrispingi din l-istess eccezzjoni u tordna il-prosegwiment tal-kawza.'***

6. Sussegwentment, permezz ta' sentenza finali mogħtija fl-24 ta' Mejju 2018, l-Ewwel Qorti ddeċidiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16, sollevata mill-attriċi rikonvenzjonata in risposta għall-kontro-talba tal-konvenut, kif ġej:

*'Kif spjegat il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha li tinsab riportata fil-Kollezz. Vol. XLII P III p 1151, il-preskrizzjoni stabbilita fl-Art.2148 (a) tapplika ghal krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom.*

*…*

*Il-Qorti tara li l-fattispeci tal-kaz tal-lum jinkwadraw ruhhom fil-kuntest tas-****subinciz (a) ta' l-Art. 2148****.*

*In kwantu ghall-fondatezza o meno tal-eccezzjoni skond l-****Art.2148(a)****, din il-Qorti tghid li mill-atti jirrizulta li l-kontro talba kienet prezentata fl-20 ta'*

*Settembru, 2010 u l-ahhar pagament li ghamlet l-attrici a favur tal-konvenut skond ma stqarr il-konvenut stess kien fit-18 ta' Awwissu, 2006. Ex admisses fol. 83 il-konvenut jghid " l-ahhar pagament li jien ircevejt dwar ix-xoghol li kont lestejt kien fit-18 ta' Awwissu 2006.". Il-konvenut kien interpella lill-attrici sabiex thalsu u dan permezz ta' ittra ufficcjali li saret fil-15 ta' Jannar, 2009 (kopja tal-ittra tinsab esebita fl-atti a fol 77 tal-process) sar fit-13 ta` Awwissu, 1998. Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut kien ipprezenta l-ittra ufficcjali tieghu meta l-azzjoni kienet gja preskritta.*

*Il-konvenut fir-risposta li huwa pprezenta nhar is-27 ta' Lulju, 2017 jghid li l-azzjoni ma tistax tkun preskritta ai termini tal-Artikou 2148(a) izda semmai l-perijodu preskrittiv ghandu jkun dak ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-*

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin*

*(f) "l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku";*

*Illi pero' kif tipprovdi l-ligi stess, dan il-provediment japplika biss f'kaz li ma hemmx preskrizzjoni iqsar, li f'dan il-kaz hemm dak kontemplat fl-artikolu 214(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut li l-kontro-talba tieghu hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

7. L-appellant jilmenta iżda li ladarba il-kwistjoni bejn il-kontendenti hija regolata bil-kuntratt ta' appalt tal-24 ta' Ġunju 2006, il-preskrizzjoni li tapplika għar-rikonvenzjoni hi wkoll ta' ħames snin u mhux ta' tmintax-il xahar.

8. Il-kuntratt tal-24 ta' Ġunju, 2006 li rrefera għalih l-appellant hu dak li hemm a fol. 213. Kull ma jsemmi hu x-xogħol li kellu jsir fil-fond tal-appellata u prezzijiet.

9. Bejn il-partijiet m'hemmx kontestazzjoni li l-każ jitratta dwar appalt. Għaldaqstant, irrispettivament x'setgħet fehmet din il-qorti mill-provi li hemm fl-atti, ser tipproċedi fuq dik il-bażi.

10. L-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi kif ġej:

*'L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

*...*

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra,* ***meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont***

***din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar**, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku ...'*[7]

11. Huwa ċar li l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 m'huwiex assolut u *ma japplikax għal dak* **il-kreditu li skont il-liġi jaqa' taħt preskrizzjoni aqsar**.

12. Skont l-ewwel qorti, għar-rikonvenzjoni japplika l-artikolu 2148 tal-Kap. 16 li jipprovdi kif ġej:

> *'L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*
>
> *(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' **persuni oħra li jaħdmu sengħa** jew arti mekkanika, **għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu**;'*

13. L-ewwel aggravju tal-appellant spjegah b'dan il-mod:

> *"Illi fl-ewwel lok l-esponenti iħossu aggravat bil-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-deċiżjoni tagħha skartat kompletament il-fatt li l-obbligu għall-ħlas kien derivat minn kuntratt ta' appalt, u skartat kompletament il-fatt li hija kienet ġia tat deċiżjoni fl-istess kawża fejn iddeterminat illi l-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali, u minflok iddeċidiet illi t-talba rikonvenzjonali tal-esponenti kienet preskritta".*

14. **Għalkemm il-pretensjonijiet tal-partijiet huma naxxenti mill-istess vinkolu kuntrattwali, ossija l-appalt, il-pretensjoni attriċi hija waħda għal danni kuntrattwali filwaqt li l-pretensjoni tal-konvenut hi għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz tal-appalt.**

15. Fil-fehma tal-qorti m'hemmx kunflitt bejn dak deċiż fis-sentenza preliminari tal-20 ta' Frar 2013 u s-sentenza finali tal-24 ta' Mejju 2018. Hi infondata wkoll il-pretensjoni tal-appellant fis-sens illi, '*jekk għall-grazzja tal-argument wieħed kellu jikkunsidra illi t-tieni sentenza hija korretta u għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti mill-appellata huwa preskritt, u dan għaliex ma japplikax il-kuntratt ta' appalt bejn il-partijiet imma sempliċement xogħlijiet, mela bl-istess mod, hija żbaljata l-ewwel sentenza fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni biennali'*.

16. L-appellant ilmenta wkoll li jekk tapplika l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili, l-appellata ma ppruvatx li għaddew tmintax-il xahar għaliex kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni bil-pagamenti li għamlet fil-15 ta' Jannar 2007 u fl-4 ta' Settembru 2008 fl-ammonti ta' Lm1,000 u €16.77 rispettivament.

---

[7] Enfażi tal-Qorti.

17. F'dan ir-rigward l-appellata wieġbet li dan hu punt ta' fatt u din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Tgħid illi f'kull każ dak allegat mill-appellant m'huwiex minnu stante li l-ħlas ta' €16.77 kien jirrapreżenta biss prezz ta' tlett madumiet u mhux ħlas akkont ta' xogħlijiet.

18. Għal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, hu magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament tal-provi li jsir mill-ewwel qorti. Madanakollu:

> *'... bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b' dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" - "***Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto***", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "***Emily Stivala et -vs- George Pace***", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000'*[8]

19. Il-partijiet jaqblu li x-xogħol kien sar fl-2006 u l-attriċi waqfet lill-appellant lejn Ottubru/Novembru ta' dik is-sena. L-appellata xehdet li l-aħħar rċevuta li għandha mingħand l-appellant għandha d-data tat-2 ta' Frar 2007.[9] Din tinsab a fol. 26 u tirreferi għal '*sum of one thousand and twenty six Malta liri re tiles at Rabat'.*

20. Fl-affidavit l-appellant qal li l-appellanti ħallsitu biss Lm4,000,[10] Madanakollu, meta xehed fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2013[11] qal li:

- fl-1 ta' Novembru 2006 l-attriċi ħallsitu ukoll Lm500 akkont tal-prezz tal-madum (**Dok B** a fol. 101);
- fil-15 ta' Jannar 2017 ħallsitu s-somma ulterjuri ta' €1,000 rappreżentanti kemm prezz ta' madum kif ukoll ta' xogħol li sar fil-fond tagħha fir-Rabat (**Dok C** a fol. 102); u
- €1960 oħra fit-2 ta' Frar 2007 (**Dok D** a fol. 103).

21. Fir-rigward l-appellant xehed:

---

[8] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 17.11.2004
[9] Fol. 23
[10] Fol. 64
[11] Fol. 97

*'Apparti dokument A a fol. 65, hemm karti oħrajn, karti ta' dokumenti fejn hija ħallsitni, u jien fil-fatt għadni kif preżentajtu fil-bidu tax-xhieda tiegħi. Sa meta jiena ħriġt Dokkument B, u ċioe 1 ta' Novembru 2006, jiena kont għadni għaddej bix-xogħol. Pero meta ħriġt id-dokument C u D cioe f' Jannar 2007 jiean kont wieqaf mix-xogħol. Jien it-tiler kont qabbadu f' Settembru 2006. Dokument C hwa rċevuta ta' elf lira li kienet ħallset mill-bilanċ li kien għad baqalha tħallasni dwar it-twaħħil tal-banju. Din mhix invoice, din għalija hija karta bħala riċevuta tal-ħlas li jien irċevejt. U dokument D hija l-istess ħaġa, għalkemm hemm miktub li hija cash sale u invoice, din fil-fatt hija riċevuta tal-ammont ta' flus li jiena kont ircevejt mingħand l-attriċi fl-ammont ta' €1096 ... nixtieq ngħid li skotn id-dokument C, fil-fatt hija ħallsitni elf lira maltin mhux għal madum biss iżda anke in konnessjoni max-xogħol li sar ġewwa r-Rabat. Nikkonferma li xogħol jiena ma' bqajtx naħdem minn wara Novembru 2006. Nerga nikkonferma li l-ħames mitt lira li ħallsitni kienu akkont tal-madum kif hemm miktub fid-dokument B'*

22. Rigward l-allegat pagament li sar fl-4 ta' Settembru 2008 fl-ammont ta' €16.77, l-attriċi xehedet li kienet talbet lill-appellant jipprovdilha 3 madumiet żejda għal li jista' jkun. Meta mar bil-madum kif mitlub, l-appellant talabha sbatax-il ewro iżda hija fakkritu li kellu jtiha għaxar liri Maltin u għalhekk ma ħallsitux:

*'ngħid ukoll li kienu naqsuli tlett madumiet biex ikolli naqra fuq ir-riħ u mort infittex kullimkien biex insib nixtrihom, anke għand Satariano kont mort u kulħadd kien jgħidli mur mingħand min xtrajthom jew min kien ġabhomlok u jiena għedt ħalli nissogra inċempillu u vera ġabhomlu David Mallia u niftakar illi hu kellu jagħtini għaxar liri Maltin u x' ħin talabni sbatax-il Ewro, qbadt il-madum f'idi u għedtlu li dawn imħallsin għax kellek tagħtini għaxar Liri u ma tajthomlux, kemmex xuftejh u qalli "kollox ikun imbierek" għax kont ħallastu bizzejjed sa dak iż-żmien jekk mhux ukoll iż-żejjed'*

23. Mill-atti jirriżulta li kien imbagħad fil-15 ta' Jannar 2009 li l-appellant ippreżenta ittra uffiċjali li biha nterpella lill-attriċi sabiex tħallas il-bilanċ (ara fol. 77).[12] Bejn l-aħħar pagament (2 ta' Frar, 2007) u d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali (15 ta' Jannar, 2009), għaddew iktar minn tmintax-il xahar. Għaldaqstant l-appellant m'għandux raġun meta argumenta li, '*anki li kieku wieħed kellu japplika l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-perjodu preskrittiv xorta ġie nterrott'*.

24. Dwar is-somma li l-ewwel qorti kkundannat lill-appellant iħallas lill-appellata, l-appellant jilmenta li m'hemmx raġuni valida għaliex kellha żżid id-danni b'kawżi elf ewro oħra. Kompla illi għalkemm il-Qorti kienet korretta meta naqset l-ammont ta' €650, kellha wkoll titnaqqas €117 VAT fuq dik is-somma.

25. F'dan ir-rigward, l-Ewwel Qorti ddeċidiet kif ġej:

---

[12] Fol. 97

*'Wara li qieset il-konkluzjonijiet peritali u t-twegibiet tal-perit tekniku in eskussjoni, din il-Qorti ma ssibx li ghandha ghalfejn tiddiskosta ruhha mill-accertamenti teknici u fattwali tal-perit salv ghal dik il-parti fejn illikwida d-danni fir-rigward ix-xoghol li sar fil-faccata fl-ammont ta' Euro 650 stante li ma jirrizultax li dan ix-xoghol in effetti sar mill-konvenut. Ghalhekk din il-Qorti sejra toqghod fuq l-accertamenti u l-konkluzjonijiet tieghu fir-rigward tal-bqija pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha arbitrio boni viri zzid l-ammont hekk likwidat stante li dak li rrizultalha mill-atti u appuntu mill-istima mahruga mill-Perit Carmel Farrugia u mill-ammonti ccitati mill-konvenut stess fir-rigward tax-xoghol li kellu jsir.*

*Il-Qorti f'din il-kawza, minhabba li l-mertu kien impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, li l-perit tekniku kien acceda fuq il-post u sema anke provi teknici mill-periti ex parte u ta spjegazzjoni dettaljata tar-ragunijiet ghall-konkluzjonijiet tieghu, ma sabitx ragunijiet ghalfejn tiskarta l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku u ghalhekk, fuq l-iskorta tar-rapport ghaddiet sabiex tilqa' t-talba attrici ghall-hlas tal-bilanc dovut minhabba l-kuntratt ta' appalt u dan ukoll ghax : ikun pruzuntuz ghall-gudikant li jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika … wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu. [**Camilleri noe v Debattista**, Appell, 09.02.2001].*

*Illi l-attrici fin-nota taghha tistieden lil Qorti sabiex taghti ammont ta' flus arbitrio boni viri u taghmel referenza ghall-prezzijiet indikati mill-istess konvenut fid-Dok DM1 a fol. 213 li b'kollox jammontaw ghas-somma ta' LM7,210 eskluz il-VAT. Illi l-perit tekniku stqarr fix-xhieda tieghu li huwa ma jidholx fil-kwistjoni ta' jekk il-prezzijiet miftiehma bejn il-partijiet kienux tajbin jew le ghaliex dik ma kienitx fil-mansjoni tieghu li jghid u jillikwida d-danni jekk jirrizultaw. Bir-rispett kollu pero' l-perit mhux korrett mija fil-mija f'dan ir-rigward ghaliex jekk l-attrici ghamlet xi pagamenti a bazi ta' dawn il-prezzijiet miftiehma bejniethom u dawn il-prezzijiet kienu ezagerati una volta x-xoghol li sar ma sarx skond is-sengha u l-arti dawn il-prezzijiet ghandhom zgur li jittiehdu in konsiderazzjoni bhala parti mid-danni li sofriet.*

*Illi huwa minnu dak li stqarr il-konvenut li l-perit teniku illikwida xi danni rappresentanti xi xoghol li sar fuq il-faccata tad-dar u dan fl-ammont ta' €650 meta tali xoghol ma sarx mill-konvenut. Ghalhekk din is-somma zgur li ghandha titnaqqas mis-somma likwidata mill-perit tekniku Mario Cassar u ghalhekk l-ammont li illikwida l-perit Cassar huwa ta' €3534.*

***Illi pero' din il-Qorti qieghda arbitrio boni viri zzid ma' dan l-ammont is-somma ta' €966** sabiex is-somma li l-konvenut ghandu ihallas lill-attrici tammonta ghal erbat elef u hames mitt euro (€4500). **Tali somma addizjonali tirrappresenta certu xoghol li sar fejn m'hemmx ricevuti pero' li l-perit kkonferma li sar.***

*Ghalhekk fir-rigward tat-talba attrici din il-Qorti qieghda tillikwida s-somma dovuta lilha fl-ammont ta' erbat elef u hames mitt euro (€4500).'*

26. Il-qorti tosserva li l-ewwel qorti naqset is-somma ta' €117 (VAT) mis-somma ta' €650 għall-item *'scraping of facade and re painting'*. Kien għalhekk li qalet li s-somma li llikwida l-perit tekniku kienet €3,534.

27. Fir-rapport il-perit tekniku osserva hekk dwar ir-rapport *ex parte* tal-perit Farrugia li ta stima ta' €11,379: "*1. Illi ċerti stimi huma eċċessivi; 2. Illi ma*

*ġewx ippreżentati riċevuti tal-istess xogħlijiet"* u, *"**Illi nonostante dawn huma ndikati illi saru**, il-perit jinnota illi dawn huma stimi u mhux prova illi ġew ipprovduti quotations, li fuqhom seta' jibbaża r-rapport tiegħu il-perit".*[13]

28. L-ewwel qorti ma semmietx għal liema xogħlijiet addizzjonali kienet qegħda tirreferi. Hu evidenti li mill-istima li għamel il-perit tekniku m'eskludiex xogħol li ma kienx kopert b'irċevuti. Qal biss li ċertu stimi magħmula mill-Perit *ex parte* tal-attriċi kienu eċċessivi u ma kinux bażati fuq riċevuti jew stimi. Kien għalhekk li skarta l-istima tal-Perit Farrugia u għamel stima differenti tal-ispejjeż għat-tiswijiet li kkonkluda li kien hemm bżonn li jsiru. In eskussjoni l-appellata kellha kull opportunita' li tagħmel domandi dwar ċertu *items* li ġew skartati mill-perit tekniku. Hekk per eżempju dwar l-item *"damage caused to various belongings (movables)"*, in eskussjoni l-perit tekniku qal li ma qiesx dik l-item għaliex ma tressqux provi dwar l-istess. Inoltre, hu rilevanti dak li qal il-perit tekniku fis-sens li, *"Dawn id-domandi in eskussjoni huma bażati fuq rapport ta' Perit illi ma kienx responsabbli għax-xogħlijiet, lanqas prova ta' riċevuti fiskali, **u lanqas jista' jiddefendi r-rapport tiegħu għax ma jafx x'sar. Ippreżenta biss stima fuq dak illi rriferitlu l-attriċi.** L-esponent għalhekk huwa tal-fehma illi huwa inutli illi l-istess avukat iqabbel l-istima tal-esponent ma' dawk tal-Perit Farrugia".*[14] Għaldaqstant, ma tara l-ebda raġuni valida għalfejn l-ewwel qorti żiedet is-somma li llikwida l-perit tekniku b'€966 oħra.

29. Għal dak li jirrigwarda l-aħħar aggravju dwar l-ispejjez, hu fatt li l-konvenut ħareġ tellief. Pero' hu fatt ieħor li l-ammont likwidat mill-ewwel qorti kien ferm inqas mis-somma li l-appellata talbet fir-rikors promotur (€11,379). Pretensjoni li ovvjament fissret iktar spejjeż ġudizzjarji ġialadarba t-taxxa tar-Reġistratur tinħadem fuq il-valur li jippretendi l-attur. Fiċ-ċirkostanzi, dak kellu jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż.

**Għal dawn il-motivi:-**

1. **Tiċħad l-appell għal dak li jirrigwarda l-ewwel żewġ aggravji.**
2. **Tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza appellata tal-24 ta' Mejju 2018 billi minflok tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' tlett elef ħames mija u erba' u tletin ewro (€3,534);**
3. **Spejjeż tal-ewwel istanza fir-rigward tal-talba attriċi jinqasmu in kwantu għal ¾ a karigu tal-appellant u ¼ a karigu tal-appellata.**

---

[13] Fol. 207.
[14] Fol. 242.

4. **Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti.**
5. **Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 1/9 a karigu tal-appellata u 8/9 a karigu tal-appellant.**

Anthony Ellul.